# REQUIESCAM

*Halluni hawn nistrieħ*
*F'dil-ħemda twila.*
*F'dis-sikta nsib mistrieħ,*
*F'din-nagħsa tqila.*
*Madwari ħemda ssaltan*
*Nixtieq li jkolli jiena.*
*Madwari sikta kbira*
*Ha nserraħ qalb għajjiena.*

* * *

*Isemma' r-rużinjol l-għanja sabiħa;*
*U fuqi l-weraq tal-Ħarifa*
*Iduru ma' l-irjieħ, jogħlew ħafifa,*
*Biex jiksru din il-ħemda hekk mistrieħa......*

*Fil-jiem tax-Xitwa x-xita troxx qalila,*
*L-irwiefen jonfħu bla xejn ħniena;*
*U b'dana kollu nibqa' nitħannen jiena*
*Hawnhekk ġo soddti, f'nagħsa tqila tqila.*

*Ħafifa tħaxwex maċ-ċipress sewdieni*
*Iż-żiffa ħelwa tar-Rebbiegħa;*
*Tħaxwex iż-żiffa mal-ħaxix tal-qiegħa,*
*Fi sliem tistorni din u żżommni hieni.*

*Tisseblaħ soddti bil-ħaxix ħadrani,*
*Bil-fjuri l-għata ssir miksija*
*U fuq kull werqa n-nida tleqq bid-dija:*
*Qtajriet jilmaw, bħal ġawhar l-iżjed għani.*

*Smewwiet hekk safja: tiddi x-xemx sajfija*
*B'dijitha tmelles lin-natura.*
*F'waqt li nkun rieqed f'nagħsa hekk mostura,*
*Fuq qabri dejjem tidwi l-poeżija......*

* * *

*Tal-ħajja ddub il-ħidma*
*Il-għeja u kull uġigħ;*
*Jintesa u jintemm kollox*
*Fil-balzmu tal-mistrieħ,*
*F'nagħsa tqila*
*F'raqda twila.... .*

A. Dougall.